**M I N U T I**

**LAQGĦA TAL-KUNSILL LOKALI FLORIANA**

**ID-DISA' LEĠIŻLATURA**

**LAQGĦA NUMRU 32**

2 ta' Lulju 2026

It-tnejn u tletin (32) seduta tad-disa' leġislatura tal-Kunsill Lokali Floriana nżammet nhar il-Ħamis 2 ta' Lulju 2026 fis-2pm. Il-laqgħa nżammet fl-uffiċċju amministrattiv tad-Dar tal-Kunsill.

PREŻENTI :-

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Nigel Holland | ( NH ) | Sindku |
| Is-Sur James A Ellul | ( JAE ) | Viċi Sindku |
| Is-Sur Dale Cachia | ( DC ) | Kunsillier |
| Is-Sinjura Sandra Sammut Hili | ( SSH ) | Kunsilliera |
| Is-Sinjura Justine Vella Palmier | ( JVP ) | Kunsilliera |

ASSENTI:-

Membri tal-Pubbliku 0

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Malcolm Agius Muscat Segretarju Eżekuttiv

**MINUTI**

## 32.1 QARI TAL-ITTRI TA' APOLOĠIJI

32.1.1. Ma kienx hemm ittri ta' apoloġiji.

## 32.2 KUNSIDERAZZJONI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

32.2.1. Is-Sindku NH ressaq il-minuti tal-wieħed u tletin (31) laqgħa tal-Kunsill li ġew iċċirkulati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.

32.2.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku JAE u issekondata mis-Sindku NH, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti, bir-riżultat ikun:

Favur: 2 (JAE, NH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 2 (SSH, JVP)

## 32.3 KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

32.3.1. Is-Sindku NH fetaħ id-diskussjoni billi għamel riferenza għaż-żjara riċenti li xi membri tal-Kunsill kellhom f'Weiden. Huwa qal li matul din iż-żjara kienu saru kuntatti interessanti u kien ġie diskuss ukoll ftehim ta' koperazzjoni.

32.3.2. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand Digital Innovation li nformaw lill-Kunsill b'inizjattiva li qed iniedu biex ir-residenti jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-inizjattiva nazzjonali relatata mal-intelliġenza artifiċjali. Huma talbu li jsiru xi lezzjonijiet fid-Dar tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

32.3.3. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Fergħa Armar ta' Barra fejn talbu lill-Kunsill biex jikkollabora mal-għaqda billi jieħu ħsieb jiffinanzja pavaljun ġdid għall-prezz ta' €150. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li jkun jidher ċar li dan il-pavaljun sar b'kollaborazzjoni mal-Kunsill.

32.3.4. Is-Sindku ressaq korrispondenza mingħand il-Grupp Familji Franġiskani li informaw lill-Kunsill li kienu ser jorganizzaw buffet sabiex jinġabru fondi għall-Kenja. Huma offrew li din l-attività tittella' b'mod konġunt mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li l-ispiża ma teċċedix €450 u li jkun ċar li din l-attività qed tiġi organizzata b'mod konġunt mal-Kunsill.

**Nota: 14:15 Il-Kunsillier DC attenda għal-laqgħa.**

32.3.5. Is-Sindku ressaq korrispondenza dwar inizjattiva kulturali li se tiġi organizzata minn Ethiopian Film & Cultural Festival Malta mal-Ambaxxata ta' Malta f'Addis Ababa. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jinformahom li l-ġonna li jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-Kunsill jinsabu f'postijiet residenzjali u dan jaf joħloq inkonvenjenza għar-residenti. Għalhekk il-Kunsill qabel li għandu jissuġġerixxi Ġnien Herbert Ganado.

**<u>Nota:</u>** **<u>14:21 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.</u>**
**<u>14:22 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.</u>**

32.3.6. Is-Sindku ressaq talba mingħand kumpanija ta' uffiċini biex jiġu estiżi l-linji sofor li hemm fil-kantunieri fi Trejqet il-Fosos.

**<u>Nota:</u>** **<u>14:24 Il-Kunsilliera SSH talbet li tkun skużata.</u>**
**<u>14:26 Il-Kunsilliera SSH reġgħet attendiet għal-laqgħa.</u>**

32.3.6.1. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel li għandu jmur fuq il-post sabiex jara x'jista' jsir.

32.3.7. Is-Sindku NH staqsa jekk kienx hemm xi korrispondenza mill-Comune di Macerata fir-rigward taż-żjara tas-soltu għall-festa ta' San Ġiljan. Il-Kunsillier DC qal li kienu bagħtu korrispondenza f'dan ir-rigward lura f'April.

## 32.4 TWEĠIBIET GĦALL-MISTOQSIJIET TAL-KUNSILLIERI

32.4.1. Il-Kunsillier DC staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp dwar il-ħmieġ li tħalla fi Triq Antonio Agius. Is-SE qal li l-amministrazzjoni kienet ikkuntattjat liż-żewġ kuntratturi li ħadmu f'din it-triq iżda t-tnejn li huma ċaħdu li ħallew xi ħmieġ.

32.4.2. Il-Kunsillier DC ġibed l-attenzjoni tal-Kunsill li kienet qed issir zebra crossing quddiem il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Is-SE spjega li dak huwa xogħol li kien intalab milll-Pulizija diversi xhur ilu fil-leġislatura preċedenti u l-Kunsill kien ikkollabora permezz tal-perit għall-applikazzjonijiet u x-xogħol sar f'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tax-Xogħolijiet. Il-Kunsill innota dan.

32.4.2.1. Is-Sindku qal li diġà kien irċieva xi ilmenti minħabba l-ispazji ta' parkeġġ li ttieħdu biex saret din iz-zebra crossing.

32.4.2.2. Is-Sindku staqsa jekk kienx hemm xi ftehim mal-Pulizija fl-imgħoddi biex jonqsu xi spazji ta' parkeġġ minn tagħhom. Is-SE wieġeb li għandu jikkonferma dan.

32.4.3. Il-Kunsillier DC staqsa jekk kienx hemm xi żvilupp rigward l-immaniġġjar tat-traffiku fi Triq is-Suq, Triq il-Kapuċċini, Triq San Tumas u l-madwar. Is-SE qal li għandu jivverifika jekk kienx hemm xi risposta.

32.4.4. Il-Kunsilliera SSH informat lill-Kunsill b'ilment relatat ma' Triq Sarria fejn kien hemm talba biex isiru linji ta' zebra crossing temporanji. Is-SE qal li kienet intbagħtet korrispondenza lis-sezzjoni tat-Traffic Lights ta' Transport Malta li min-naħa tagħhom talbu lil Enemalta jassistu, b'dawn tal-aħħar jitolbu li ssir STL biex dan jiġi regolarizzat.

32.4.5. Il-Kunsilliera SSH ressqet talba sabiex issir sleeping policeman fit-tarf ta' Triq il-Miratur. Wara li ddiskuta il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

32.4.6. Il-Kunsilliera SSH staqsiet jekk kienx ser isir il-ħasil tat-toroq. Is-SE ikkonferma li kien tkellem ma' kuntrattur tal-bowsers u kien hemm ftehim li l-ħasil jibda l-ġimgħa ta' wara. Il-Kunsill qabel li għandu jinforma lir-residenti b'dan.

32.4.7. Il-Kunsilliera JVP staqsiet jekk kienx hemm xi żvilupp rigward iċ-chargers tal-karozzi elettriċi. Is-SE ta rendikont ta' fejn kien hemm chargers eżistenti madwar il-lokalità. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill kien approva erba' żoni oħra biex jiġu installati chargers oħrajn iżda sa dakinhar ma kienux għadhom ġew installati.

32.4.8. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għat-tabella tal-lokalità fi Triq Ġlormu Cassar. Is-SE qal li l-amministrazzjoni kienet reġgħet bagħtet korrispondenza biex jara jekk kienx hemm xi żvilupp.

32.4.9. Is-Sindku għamel riferenza għall-ġabra tal-iskart madwar il-lokalità. Huwa qal li jemmen li l-ġabra tal-iskart għandha tibda ssir fuq bażi nazzjonali u mhux waħda reġjonali u dan biex ikun hemm iktar kontroll fil-ħinijiet u s-servizz.

32.4.10. Il-Viċi Sindku JAE għamel riferenza għall-kunċerti tas-Sajf. Is-Sindku qal li kienet inżammet laqgħa mal-organizzaturi tal-Isle of MTV.

32.4.11. Il-Kunsilliera SSH pproponiet li jsiru barrikati lejlet xi attività fid-daħla tal-parkeġġ ta' Triq V. Dimech sakemm jasal l-attendant filgħodu.

## 32.5 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapporti tal-laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitat

32.5.1. Ma kienx hemmx rapport ta' laqgħat ta' kumitati u/jew sotto kumitati.

**<u>Nota: 14:57 Is-Sindku talab li jkun skużat.</u>**
**<u>Il-Viċi Sindku JAE ippreseda l-laqgħa.</u>**

## 32.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni Skeda ta' Pagamenti

32.6.1. Il-Viċi Sindku JAE ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bir-referenza 25/09 li ġiet iċċirkolata minn qabel mal-avviż tal-laqgħa.

32.6.2. Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera JVP u issekondata mill- Kunsillier DC, ittieħed vot favur l-approvazzjoni tal-ħlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati fl-iskeda tal-pagamenti. L-iskeda tal-pagamenti ġiet approvata b'mod unanimu.

## 32.7 Skema Komunitajiet Aktar b'saħħithom u ta' kwalità u Skema Karnival 2027

32.7.1. Is-SE fetaħ il-materja billi għamel riferenza għall-iskema tal-karnival u informa li din l-iskema reġgħet infetħet u għalhekk il-Kunsill jista' jerġa' japplika għall-fondi għall-attivitajiet tal-Karnival.

32.7.2. Fir-rigward tal-iskema Komunitajiet aktar b'saħħithom, is-SE qal li l-Kunsill kien applika sabiex jiġi rranġat id-dawl ta' Ġnien Preziosi. Huwa qal li issa li l-iskema reġgħet infetħet huwa kien qed jipproponi li l-Kunsill japplikaw għat-tieni fażi tad-dawl fl-istess ġnien.

32.7.3. Wara li ddiskuta, il-Kunsill qabel mal-proposta.

**Nota: 15:00 Is-Sindku reġa' attenda għal-laqgħa.**

## 32.8 KWOTAZZJONIJIET/PROPOSTI RELATATI MAL-FUNTANI TA' ĠNIEN PREZIOSI;

32.8.1. Is-SE fetaħ il-materja billi qal li kien inġiebu kwotazzjonijiet għall-funtani ta' Ġnien Preziosi.

32.8.2. Is-SE għamel riferenza għall-waħda mill-funtani li kienet qegħda titħammeġ. Is-SE qal li kien ġab kwotazzjoni sabiex isir xogħol biex l-ilma jgħaddi minn żewġ naħat u għalhekk ma tkomplix titħammeġ. Huwa qal li din il-kwotazzjoni tammonta għal €2357. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi b'din il-kwotazzjoni.

32.8.3. Is-SE ressaq ukoll kwotazzjoni rigward xogħol fuq il-funtana l-oħra fl-istess ġnien u li preżentement tinsab mimlija bil-ħamrija. Il-Kunsill approva din il-kwotazzjoni.

32.8.4. Il-Kunsill qabel li għandu jkellem lil wieħed mill-kuntratturi lokali biex isir ix-xogħol ta' tindif mill-ħamrija li mhux inkluż fil-kwotazzjoni, kif ukoll biex tinkiseb aktar informazzjoni dwar il-kamra tal-pompa tal-funtana li tinsab fil-parti tal-bandli fiċ-Ċentru Rikreattivi r-Re Ġorġ V.

## 32.9 IL-KRIŻI DEMOGRAFIKA U R-RIĠENERAZZJONI TA' FLORIANA

32.9.1. Is-Sindku fetaħ id-diskussjoni billi qal li s-sitwazzjoni demografika tal-Floriana qed tkompli tmur għall-agħar kull ġurnata.

32.9.2. Huwa qal li s-sitwazzjoni kienet waħda urġenti u li kien hemm bżonn li jsiru interventi biex din is-sitwazzjoni titjieb.

32.9.3. Is-Sindku għamel riferenza għaċ-ċentru tas-saħħa u ppropona li l-Kunsill jipproponi lill-gvern biex dan is-sit isir housing.

32.9.4. Il-Kunsilliera SSH qalet li għandha informazzjoni li dan is-sit kien ser jiġi dedikat għall-iscreening.

32.9.5. Is-Sindku talab li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Ministru Owen Bonnici fir-rigward ta' din il-materja.

## 32.10 L-ISKEMA TA' PARKEĠĠ RESIDENZJALI

32.10.1. Is-Sindku għamel riferenza għall-iskema ta' parkeġġ residenzjali u qal li qed jirriżulta li fl-aħħar snin kien hemm diversi nuqqasijiet fil-ħruġ ta' permessi taħt l-iskema ta' parkeġġ residenzjali.

32.10.2. Is-Sindku qal li għandu jkun hemm Bord tal-Verifika u li qed isir kull sforz biex dan il-bord jiġi iffurmat.

32.10.3. Is-Sindku ġibed l-attenzjoni tal-kunsilliera biex ikunu onesti fi kliemhom meta jiddiskutu l-proposta li kienet tressqet sabiex is-sistema ssir simili għal dik li hemm fil-Belt Valletta.

## 32.11 TOROQ GĦALL-ASFALTAR FI FLORIANA

32.11.1. Is-Sindku fetaħ il-materja billi talab li l-ħaddiema tal-manutenzjoni jerġgħu imorru jagħmlu l-linji bojod fi Triq Pietro Floriani peress li dawn saru mill-kuntrattur li ħadem fuq it-triq iżda mhux viżibbli biżżejjed peress li nżebgħu fuq il-konkos mhux fuq l-asfalt. Il-Kunsill iddiskuta u qabel li jsiru alternattivi ta' diviżorji mhux biż-żebgħa.

32.11.2. Is-Sindku talab lill-kunsillier responsabbli mix-xogħolijiet sabiex jikteb lill-ministeru dwar it-toroq li għad fadal mingħajr asfaltar bħalma huma Xatt it-Tiben u parti minn Triq San Publju. Huwa qal li l-Kunsill għandu jara x'toroq baqa' u jagħmel enfasi sabiex dawn ifittxu jsiru. Il-Kunsill qabel.

## 32.12 AĠĠORNAMENT TAL-LAQGĦA U DATA TAS-SEDUTA LI JMISS

32.12.1. Il-laqgħa intemmet fit-3.40pm u ġiet aġġornata għal nhar it-Tlieta 4 ta' Lulju 2026 fis-2.00pm.

**Konfermati, illum ____________________________________**

| | |
|---|---|
| (iffirmati) | (iffirmati) |
| Nigel Holland | Malcolm Agius Muscat |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |